

L-Erbgħa 13 ta' Frar 2019

P8_TA(2019)0101

Ebda oġġezzjoni għal att delegat: id-data li fiha l-obbligu tal-ikklijar jidħol fis-seħħ għal ċerti tipi ta' kuntratti

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma ssir ebda oġġezzjoni għar-Regolament delegat tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2205, ir-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/592 u r-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1178 li jissupplimentar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data li fiha l-obbligu tal-ikklijar jidħol fis-seħħ għal ċerti tipi ta' kuntratti (C(2018)09122 – 2018/3004(DEA))

(2020/C 449/54)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament delegat tal-Kummissjoni (C(2018)09122),
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2018, li fiha talbet lill-Parlament jiddikjara li mhux se jqajjem oġġezzjonijiet għar-Regolament delegat,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-4 ta' Frar 2019 lill-President tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2018 intitolata "Thejġija għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2019: Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Kontinġenza tal-Kummissjoni" (COM(2018)0890),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5 (2) u 82(6) tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji (RTS) dwar in-novazzjoni ta' kuntratti li għalihom l-obbligu tal-ikklijar għadu ma daħalx fis-seħħ, ippreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fit-8 ta' Novembru 2018, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-att delegat fih regoli importanti relatati mat-tranżazzjonijiet konklużi bejn kontroparti stabbilita fir-Renju Unit u kontroparti stabbilita fl-UE-27 u li huwa parti mill-pakkett ta' miżuri ta' kontinġenza f'każ ta' Brexit ta' ebda ftehim;
- B. billi l-Parlament jaqbel dwar l-importanza li l-awtoritajiet kompetenti u s-swieq finanzjarji jeżentaw ċerti tranżazzjonijiet li jirriżultaw minn novazzjoni, għal perjodu limitat ta' 12-il xahar, jekk il-kontroparti stabbilita fir-Renju Unit tinbidel għal kontroparti fi ħdan l-UE-27;

⁽¹⁾ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

L-Erbgħa 13 ta' Frar 2019

- C. billi l-Parlament iqis li l-RTS adottati mhumiex "l-istess" bħall-abbozz tal-RTS ippreżentat mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) minħabba l-bidliet tal-Kummissjoni li ġew introdotti f'dan l-abbozz, u jqis li għandu tliet xhur ("il-perjodu ta' skrutinju") biex joġġezzjona għall-RTS; billi l-Parlament iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tindika l-perjodu ta' skrutinju ta' xahar biss f'każijiet fejn il-Kummissjoni tkun adottat l-abbozzi tal-ASE mingħajr tiddil, jiġifieri fejn l-abbozz u l-istandards tekniċi regolatorji adottati jkunu "l-istess";
1. Jiddikjara li ma joġġezzjonax għar-Regolament delegat;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-